**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 137/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**(Spettur Matthew Spagnol)**

**Vs**

**Najm Fahd**

Illum 19 ta' Mejju 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Najm Fahd detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 130963A, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer, gewwa Triq Burma u Triq San Gorg Preca, Pembroke, nhar il-Ġimgħa 25 ta' Dicembru 2015 għal ħabta tas-sagħtejn ta' filgħodu;

1. Ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taħt l-eta' u cioe' *omissis*.
2. Aktar talli fl-istess data, lok ħin u ċirkostanzi bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil *omissis* sabiex toqgħod għal xi ħaġa li toffendi il-mistħija tas-sess tagħha;

3. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ikkommetta attentat vjolenti għall pudur fuq il-persuna ta' Omissis;

4. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ħebb kontra il persuna ta' Omissis sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil din il-persuna;

5. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ġera bil-qawwi fit-triqat jew fil-pjazez, b'perikolu li taħbat ma' xi ħadd u jweġġgħu;

6. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi f'lok pubbliku kien jinsab fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jieħu ħsieb tiegħu innifsu;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tad-29 t'April, 2019 li wara li rat l-Artikoli tal-liġi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju għall-ġudizzju tal-14 ta' Novembru 2016 u senjatament l-Artikoli 17, 20, 31, 204C(1)(2)(a), 86, 87(1)(g), 339(1)(d) u 338(cc) tal-Kodici Kriminali sabet lill-imputat Najm Fahd ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tar-raba' (4) u tal-ħames (5) imputazzjonijiet miġjuba kontrih u tikkundannah erba' (4) snin u sitt (6) xhur priġunerija.

Il-Qorti ddikjarat lill-imputat mhux ħati tas-sitt (6) imputazzjoni miġjuba fil-konfronti tiegħu u konsegwentement illiberatu minnha. Stante li t-tielet (3) imputazzjoni ingħatat bħala alternattiva għall-ewwel (1) imputazzjoni li tagħha l-imputat nstab ħati, l-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni. B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti ordnat l-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni għall-perjodu ta' sentejn (2) a favur ta' Omissis u l-familjari tagħha.

Sabiex tigi protetta l-identita' tal-minuri kkonċernata l-Qorti ordnat d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-minuri u l-familja tagħha fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni. Il-Qorti wara li rat il-Kap. 518 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex l-imputat jitnizzel fuq ir-Reġistru ndikat fl-imsemmi Att u għal dan il-għan ordnat li kopja ta' din is-sentenza tiġi kkomunikata lill-imsemmi Reġistratur. Illi ulterjorment u b'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti kkundannat lill-imputat sabiex sa żmien xahar minn meta jiġi hekk mitlub bil-miktub mir-Reġistratur tal-Qorti jħallas lill-

istess Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' tliet mija, tnejn u sebgħin ewro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€372.64) liema ammont jirrappreżenta l-ispejjeż konnessi mall-ħatra ta' esperti f' dan il-każ.

Rat ir-rikors tal-appellant Najm Fahd, ppreżentat fit-13 ta' Mejju 2019, fejn talab lil din l-Qorti:

1) Tannulla s-sentenza appellata: jew,
2) Tvarja is-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-appellant ma nstabitx ħtija tiegħu u tikkanċellaha fil-bqija fejn l-appellant instab ħati u wara tilliberah minn kull imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu; jew
3) Fin-nuqqas tirriforma s-sentenza billi f'każ ta' konferma tas-sentenza tiġi erogata piena aktar ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat l-aggravji imqanqla mill-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Ottubru 2020 fejn l-appell tħalla għas-sentenza limitatament fuq l-ewwel aggravju sollevat mill-appellant fejn qanqal il-preġudizzjali dwar in-nullita' tas-sentenza appellata.

Rat is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti ta' nhar is-6 ta' Jannar 2021 fejn permezz tagħha dan l-ewwel aggravju sollevat mill-appellant ġie miċħud u l-Qorti ordnat l-prosegwiment tas-smiegħ tal-appell fuq l-aggravji rimanenti.

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-bqija tal-aggravji nhar it-3 ta' Frar 2021.

**Ikkunsidrat:**

Sorvolati l-aggravji preliminari u ta' natura legali jifdal biex jiġu trattati l-aggravji fil-mertu u sussidjarjament dak marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Għal dan il-għan il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti tal-kawża u dan sabiex jiġu indirizzati l-imsemmija aggravji.

Illi jirriżulta minn eżami tal-atti proċesswali illi l-appellant kien ġie arrestat fuq dan il-każ, fil-bidu tax-xahar ta' Jannar 2016 u dan wara li kien tressaq il-Qorti akkużat bir-reat tal-attentat vjolenti għal pudur fuq mara fejn kien ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Hekk kif kien ħiereġ mill-bini tal-Qorti biex jiġi skortat lejn il-ħabs ittieħed filmat tiegħu minn xi sezzjonijiet tal-medja li xxandar fuq il-mezzi tax-xandir. Wara dan Omissis, tfajla ta' sittax il-sena, flimkien ma ommha, avviċinaw lill-pulizija in konnessjoni ma' rapport minnhom magħmul nhar jum il-Milied tas-sena 2015 meta Omissis kienet subiet aggressjoni minn persuna injota, fejn għarrfu lill-investigaturi li l-aggressur kien l-istess persuna li dehret fil-filmat li xxandar fl-aħbarijiet. Omissis spjegat illi dak in-nhar tal-akkadut l-aggressur tagħha kien liebes *jeans*, qmis u flokk blu bi strixxi bojod. Omissis, spjegat illi f'dik il-lejla hija kienet iltaqgħet ma' sħabha ġewwa Baystreet f' San Ġiljan, fejn attendiet għal festin u għall-ħabta tas-sagħtejn ta' filgħodu kienet iddeċidiet li tmur lura d-dar waħedha bil-pass. Hi u miexja lejn id-dar tagħha ġewwa Pembroke nnutat li kienet qed tiġi segwita minn persuna. Innutat ukoll illi dan l-individwu, kellu xi ħaġa iċċekċek imdendla f'idejh qisha *keychain*. Hi bdiet tħaffef il-pass bħalma għamel ukoll l-aggressur tagħha u kif waslet quddiem il-ħanut bl-isem *St. Giorgio's Pharmacy*, dan l-individwu ġibidha mill-*coat* u staqsiha d-direzzjoni lejn il-Ħamrun fejn qaltlu biex jinżel il-Bajja u jaqbad *taxi* minn hemmhekk. Omissis qasmet it-triq iżda dan ir-raġel baqa' jsegwiha u ħaffef aktar il-pass u fl-aħħar laħaqha u dar ċirku madwarha. Omissis allegat illi hi ppruvat taħrablu iżda kif waslet fil-bidu ta' Triq San Ġorġ Preca ġewwa Pembroke l-appellant rassa mal-ħajt ta' parapett tal-ewwel residenza f'dik it-triq. L-appellant hawnhekk beda jbusha u jigdimha fuq il-parti mikxufa ta' sidirha. Omissis bdiet timbuttah u tgħidlu biex jieqaf, iżda hu ippersista b'dawn l-atti impudiċi u daħħal idejh minn taħt il-*coat* u missilha l-parti privata tagħha. Hi bdiet tiġġieled u tissarra miegħu fejn fl-aħħar irnexxielha tisġiċċalu billi gidmitlu subgħajh meta dan daħħalhom f'ħalqha. Tikkontendi illi hawnhekk l-appellant beda jipprova jsikkitha u taha daqqa ta' ħarta. Wara dan ħarab minn fuq il-post. Omissis marret tiġri lejn id-dar u fetħet qalbha ma' ommha u s-sieħeb tagħha dwar dak li kienet għaddiet minnu. Huma ħarrġu ifittxu lil dan ir-raġel u ċemplu l-għassa tal-pulizija għall-assistenza. Fil-fatt ftit tal-

ħin wara, omm Omissis rat ġuvni li kien jaqbel mad-deskrizzjoni li tatha bintha li kien qiegħed fuq il-*bus stop* fejn dak li kien l-istabbiliment tal-ITS, jitkellem ma' tfajla oħra. L-omm waqfet biex tkellmu u f'dan il-ħin it-tfajla, li dan ir-raġel kien qed ikellem, telqet tiġri. Omm Omissis hawnhekk staqsietu jekk għandux bżonn ta' xi ħaġa, u hu weġibha li kien qed iħoss il-bard u ried imur il-Ħamrun, li kien l-istess diskors li kien lissen lil bintha. Kif ikkonfermat min kien u kkonfrontatu, ċemplet lill-pulizija sabiex jiġu fuq il-post iżda nel frattemp dan irnexxielu jaħrab. Wara dan ir-rapport, il-pulizija reġgħu bagħtu għall-appellant fejn hu ċaħad l-involviment tiegħu. Madankollu matul tfittxija fir-residenza tal-appellant instabu ħwejjeġ li kienu jaqblu mad-deskrizzjoni li kienet tat il-vittma, kif ukoll iċ-ċwievet tad-dar tiegħu li kellhom imdendla magħhom speċi ta' katina li ċċekċek. *In oltre*, il-pulizija identifikat fuq il-filmat tas-*CCTV*, elevat minn Triq Mikelanġ Grima ġewwa Pembroke, persuna taqbel mad-deskrizzjoni tal-appellant li jidher liebes il-ħwejjeġ skond kif deskritti minn Omissis kif ukoll deher miexi wara din it-tfajla.

Illi mill-qari tas-sentenza appellata, jidher illi l-Ewwel Qorti bbażat il-konklużjonijiet tagħha fuq il-verżjoni rilaxxata minn Omissis illi qieset bħala waħda attendibbli. F'dan il-kuntest tajjeb li din il-Qorti tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha[1].

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti proċesswali, partikolarment ix-xhieda ta' Omissis kif ukoll dik tax-xhieda l-oħra pajżana, kif ukoll il-verżjonijiet rilaxxati mill-appellant. Illi jibda biex jingħad illi l-parti offiża baqgħet konsistenti fir-rakkont tagħha dwar l-allegat abbuż minnha subit. Mhux biss, iżda hija identifikat lill-appellant minnufih hekk kif rat il-filmat tiegħu. Din l-identifikazzjoni hija imsaħħa mill-fatt illi d-deskrizzjoni mogħtija mill-vittma tal-ħwejjeġ li kien liebes l-aggressur tagħha mhux biss jaqblu max-xbieha li tidher fuq il-filmati tal-kameras tas-sigurtà elevati mill-pulizija, iżda fuq kollox minn tfittxija li saret mill-investigaturi fil-post tar-residenza tal-appellant ġie misjub abbiljament li jaqbel fid-dehra tiegħu mad-deskrizzjoni mogħtija mill-vittma. Din l-identifikazzjoni hija ukoll imsaħħa b'identifikazzjoni oħra magħmula minn omm il-vittma u s-sieħeb tagħha li fil-lejla meta seħħ l-event kriminuż kienu ġew wiċċ'imb'wiċċ mal-appellant u kkonfrontawh b'dak li kien għamel lil minuri. Din l-istess persuna imbagħad ġiet identifikata aktar tard minn omm il-minuri meta ix-xbieha tiegħu dehret fuq il-mezzi tax-xandir in konnessjoni ma' każ kriminali ieħor. Il-Qorti tqies ukoll illi għalkemm l-appellant jikkontendi illi d-dehra tiegħu ma tippreżenta l-ebda fattizzi partikolari li minnhom il-vittma setgħet b'xi mod identifikatu, madanakollu meta saret il-parata tal-identifikazzjoni wara ir-rapport minnha magħmul lil pulizija dwar l-abbuż minnha subit, hija ma identifikat lil ebda persuna li dehret f'din il-parata u dan għaliex l-appellant f'dak il-mument kien għadu ma ġiex interċettat mill-pulizija. Iżda għal kuntrarju hija kienet ċerta mill-identità tiegħu meta ratu fuq il-mezzi tax-xandir u għarfitu bhala l-aggressur tagħha.

Illi l-Qorti ma tistax tara kif l-istatura tal-appellant meta imqabbla ma' dik tal-vittma u ukoll il-fatt illi la il-vittma u lanqas l-appellant ma sofrew xi ġrieħi f'din l-aggressjoni tista' b'xi mod tiskossa l-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-minuri. Fl-ewwel lok meta l-vittma għarfet lill appellant fuq il-mezzi tax-xandir u wara dan l-appellant ġie arrestat, kienet għaddiet 'il fuq minn ġimgħa sabiex b'hekk jekk xi parti sofriet ġrieħi ħfief dawn setgħu fiequ *nel frattemp* jew ma baqgħux daqstant viżibbli. Il-

vittma tgħid li l-appellant rassa b'darha mal-ħajt ta' parapett u ħatafha minn għonqha meta hi ppruvat tirritalja, aġir li seta' ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa billi ma jidhirx illi l-appellant eżerċita xi forma ta' vjolenza esaġerata fuq il-vittma tiegħu. Illi *di piu* l-appellant ma jirnexxielux, u dan sal-grad tal-probabbli, ixejjen il-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-parti offiża, għajr illi baqa' jinnega li kien involut f'dan l-inċident. Mhux biss iżda saħansitra jikkonferma illi l-ħwejjeġ u l-*keychain* misjuba fir-residenza tiegħu jappartjenu lilu.

In oltre għal dak li jirrigwarda l-kontestazzjoni imqajjma mid-difiża dwar il-lingwa li biha l-vittma tgħid li l-aggressur uża biex ikkomunika magħha, jirrizulta mill-istqarrija rilaxxata mill-appellant lil pulizija, illi filwaqt li hu ta' nazzjonalità Għarbija, fatt rikonoxxut ukoll minn Omissis, iżda m'għandux diffikultà jikkomunika u jifhem bil-Malti kif hu stess jikkonferma fl-istess stqarrija u dan meta mistoqsi jekk kienx jinħtieġ l-assistenza ta' interpretu, liema għajnuna pero' hu rrifjuta. Kwindi magħdud dan kollu, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-Ewwel Qorti kienet legalment u raġonevolment ġustifikata illi toqgħod fuq il-verżjoni tal-vittma bħala waħda kredibbli.

***Ikkunsidrat:***

Illi l-appellant ġie misjub ħati tar-reat maħsub fl-artikolu 204C tal-Kodiċi Kriminali kif kien viġenti fiż-żmien tal-kummissjoni tiegħu. Dan għaliex permezz ta'l-Att XIII tal-2018 din id-dispożizzjoni tal-liġi ġiet sostitwita biex b'hekk ir-reat jissussisti biss jekk kommess fuq persuna ta' taħt l-età ta' sittax-il sena. Illi l-artikolu 204C qabel is-sostituzzjoni tiegħu kien jaqra hekk:

> **204Ċ. (1) Kull min jipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-età jista', meta jinsab ħati, jeħel priġunerija għal żmien mhux iżjed minn ħames snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha.**
>
> **(2) Ir-reat għandu jkun punibbli bi priġunerija għal żmien minn erba' sa tnax-il sena, bir-reklużjoni jew mingħajrha, f'kull wieħed minn dawn il-każijiet li ġejjin:**

**(a) jekk ir-reat isir bi vjolenza, sforz, forza jew theddid;**

Illum ir-reat jissusisti fil-konfront ta:

**204Ċ. (1) Kull min jipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma'persuna ta' taħt is-sittax-il sena**

Issa skond il-provi prodotti jirriżulta illi meta l-allegat abbuż seħħ fil-konfront ta' Omissis mill-appellant hi kellha l-età ta' sittax il-sena.[2] Illi għalkemm l-appellant ma iqanqal ebda aggravju f'dan is-sens, madanakollu għalkemm l-att vjolatur kien jikkostitwixxi reat meta seħħ, madanakollu bl-emendi introdotti fil-liġi meta l-età minorenni ġiet mnaqqsa għal dik ta' taħt is-sittax-il sena, dan ma baqax jitqies bhala tali. Illi dan il-prinċipju isib il-qafas tiegħu bl-interpretazzjoni mogħtija *a contrario senso* tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fejn hemm dispost hekk:

***"No one shall be held guilty of any criminal offence on account of any act or omission which did not constitute a criminal offence under national or international law at the time when it was committed. Nor shall a heavier penalty be imposed than the one that was applicable at the time the criminal offence was committed."***

Illi l-Qorti kif ippresjeduta diġà esprimiet il-fehma tagħha in materja meta għamlet referenza għad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fejn din fasslet l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-artikolu 7 tal-Konvenzjoni:

***"The Court notes that the obligation to apply, from among several criminal laws, the one whose provisions are the most favourable to the accused is a clarification of the rules on the succession of criminal laws, which is in accord with another essential element of Article 7, namely the foreseeability of penalties …. The Court …. affirms that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant.[3]"***

---

[2] Ara ċ-ċertifikat tat-twelid ta' Omissis a folio 16 u mmarkat bħala JB6 fl-atti proċesswali.

[3] 1 Scoppola vs Italy App.No.12049/03 – 17/09/2009 (Grand Chamber)

**Illi l-Qorti Ewropeja kompliet tirraferma din il-pożizzjoni fid-deċiżjonijiet li segwew bħal Öcalan v. Turkey deċiża fit-18 ta' Marzu, 2014 fejn ġie ritenut:**

***"The court notes that the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law, considered by the court in Scoppola (no. 2), as guaranteed by Article 7, is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant.[4]"***

**Saħansitra il-Professur Mamo fin-noti tiegħu għad-dritt penali kien tal-fehma illi:**
***"In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would be given an effect beyond its legal limit of operation. It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the grounds that the operation of the old law cannot extend beyond its repeal (divieto di ultra-attivita') that, in this hypothesis, the criminal proceedings cannot be maintained in respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence.'[5]'***

**B'hekk illum għalkemm il-prosekuzzjoni tar-reat abrogat fil-mori tal-proċeduri jista' jitkompla u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Att dwar l-Interpretazzjoni, madanakollu l-istess qiegħed jitqies illi huwa leżiv tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.[6]"**

Illi jidher allura li fid-dawl tal-emendi introdotti fil-liġi u ċioe' permezz tal-Att XIII tal-2018, l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha kellha tapplika dik il-liġi l-aktar favorevoli għall-appellant u dan għaliex fiż-żmien meta allegatment seħħew l-atti inkriminatorji fil-konfront tal-minuri din kellha l-età ta' sittax-il sena, u allura billi bl-emendi il-ġodda għall-artikolu 204C tal-Kodiċi Kriminali ir-reat tal-parteċipazzjoni f'atti sesswali ma' minuri iseħħ meta l-awtur tar-reat jikkommetti dawn l-atti ta'abbuż sesswali fuq persuna ta' taħt is-sittax-il sena, dak li kien jikkostitwixxi reat

[4]Ara ukoll Ruban vs Ukraine – 12/07/2016 u Koprivnikar vs Slovenia
[5]Informazzjoni miksuba minn artikolu minn The Times of Malta data 27 ta' Frar 2017 "The more lenient criminal law" miktub mill-Profs. Kevin Aquilina
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) kif ippreseduta nhar it-28 ta' Settembru 2017

meta seħħ, illum ma għadux jiġi meqjus bħala tali u kwindi l-appellant għandu jiġi illiberat minn din l-akkuża.

L-istess konsiderazzjonijiet, madanakollu ma jsibux applikazzjoni għar-reati imfassla fit-tieni u t-tielet imputazzjonijiet fejn il-kwistjoni tal-età tal-vittma hija rrelevanti.

L-appellant jiġi mixli bir-reat tas-sekwestru tal-persuna regolat taħt l-artikoli 86 u aggravat taħt l-artikolu 87 tal-Kodiċi Kriminali:

> **Kull min, bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn:**
>
> **Iżda, il-qorti tista', fil-każijiet ħfief, tagħti l-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur jew il-multa**.

Illi r-reat huwa aggravat *meta id-delitt ikun sar bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess ta' dik il-persuna,* f'liema eventwalita' il-piena tiżdied minn tlettax-il xahar sa tlett snin.

Issa "..**minn qari akkurata tad-dispożizzjoni tal-liġi jirriżulta illi l-elementi tar-reat ta' arrest illegali huma tnejn. L-ewwel element hu dak ta' sekwestru ta' persuna u t-tieni hu li tali sekwestru jrid isir kontra l-volontà tal-persuna sekwestrata.** L-ewwel element ta' sekwestru jinkludi t-teħid jew t-trasport ta' persuna minn persuna oħra b'dan illi dan l-element jissussisti meta:

> ***"Il-sequestrato richiede che la privazione della liberta sia assoluta e avvenga in circostanze tali da tagliere alla vittima ogni possibilita' di scampo o di soccorso.***[7]"

U tirriżulta skont l-Antolisei meta:

> ***"Le fatti specie del delitto in parole si realizza anche se la privazione della liberta non e' totale na occorre che al-paziente sia reso del tutto impossibile***

[7] Il-gurista Taljan Maino fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale jikkummenta fuq l-artikolu 146 Codice Penali fol. 112 paragrafu 788 Vol-II.

***ogni via di scampo. E necessario per altro che la perdita della liberta si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo."***

Il-Professur Sir Anthony Mamo (Notes on Criminal Law [1953 edit.] [Part. II p. 40] ) filwaqt illi jittratta l-element materjali tar-reat in kwistjoni jghid :-

> ***"the words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous : each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty :***
>
> ***"Il reato preveduto nell'articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro." (ROBERTI – ibid , para 323) ...***
>
> ***Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place ; or may be detained in his own house without having been previously arrested."'***[8]

Issa magħdud dan kollu, fil-każ in eżami u mill-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti jidher illi allavolja l-vittma ma ġietx trasportata minn post għall-ieħor mill-appellant, madanakollu ġie lilha impedut il-moviment liberu tagħha u dan meta ġiet miġbuda minn idejha l-leminija, miżmuma u imrassa mal-ħajt sakemm l-appellant ikkommetta l-atti ta' *libidine* fuq il-persuna tagħha. Mhux biss, iżda meta l-parti offiża tgħid li ippruvat timbuttah, dan qabadha minn għonqha u daħħal subgħajh f'ħalqha f'liema waqt hija gidmitu u hu ma baqax iżommha kontra r-rieda tagħha.[9] Kwindi jissussistu l-elementi tar-reat u għalhekk l-ħtija għal dak li jirrigwarda t-tieni mputazzjoni ser tiġi kkonfermata.

**Ikkunsidrat:**

Illi għalkemm l-appellant ġie mixli ukoll bir-reat tal-hekk imsejjaħ attentat vjolenti fuq il-pudur kif imfassal fl-artikolu 207 tal-Kodiċi Kriminali, ġaladarba l-Ewwel Qorti kienet sabet ħtija għall-akkuża marbuta mar-reat tal-parteċipazzjoni f'atti sesswali ma'minuri, hija għaddiet biex tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet

---

[8] Il-Pul vs – Mohamed Elbozidi – 19/02/2004 App.Inf.

[9] Ara x-xhieda ta' Omissis a folio 67 u 68 tal-atti proċesswali.

imputazzjoni billi qieset, ġustament, illi din kienet akkuża alternattiva għall-ewwel imputazzjoni. Dan ifisser illi illum, allura, ma hemmx pronunzjament dwar il-ħtija o meno tal-appellant dwar din l-akkuża, bl-Avukat Ġenerali lanqas ma jintavola appell mid-deċiżjoni ta'l-Ewwel Qorti fir-rigward. Illi l-Qorti hija tal-fehma illi ġaladarba l-appellant ser jiġi illiberat mill-ewwel imputazzjoni, u ġaladarba ma kienx hemm pronunzjament dwar l-akkuża alternattiva mill-Ewwel Qorti li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tagħha, din l-akkuża li fiha hemm maħsub ir-reat imfassal fl-artikolu 207 tal-Kodiċi Kriminali għandha tiġi issa minnHa indirizzata mingħajr il-ħtieġa li l-atti jiġu rimessi lura quddiem l-Ewwel Qorti għad-determinazzjoni tagħha. Dan qed jingħad għaliex l-artikolu 428(6) tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi dwar is-setgħat wiesgħa li għandha l-Qorti tal-Appell, jipprovdi illi jekk l-appell ikun biss fuq il-mertu tal-kawża, il-qorti superjuri għandha tiddeċiedi l-kawża billi twettaq, tbiddel jew tħassar is-sentenza li minnha jkun sar appell, b'dan però illi meta l-appell isir mill-persuna misjuba ħatja il-piena ma għandhiex tiżdied u dan fit-termini tas-sub-inċiż (7) tal-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi. Illi allura ġaladarba l-appell intentat mill-appellant idur essenzjalment madwar l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti u allura jolqot direttament il-mertu tal-każ, kwindi din il-Qorti għandha is-setgħa tbiddel is-sentenza li minnha jkun sar l-appell.

Illi f'sentenza li eżaminat *funditus* dan il-kunċett ġie deċiż:

> **"...l-Qrati tagħna kellhom diversi okkażjonijiet jitrattaw dwar il-punt, u s-sentenzi in rigward jindikaw illi fil-każ ta' imputazzjoni jew akkuża alternattiv l-Qorti għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħha meta tkun sabet ħtija fl-imputazzjoni jew akkuża primarja. Hekk per eżemplari f'każ ta' imputazzjoni ta' serq u fl-istess waqt imputazzjoni ta' riċettazzjoni tal-istess oġġett, meta tinstab ħtija ta' serq tal-oġġett, l-Qorti għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-imputazzjoni ta' riċettazzjoni la darba huwa ovvju li dik l-imputazzjoni hija waħda alternattiva. Jista' jagħti l-każ li persuna tkun imputata ta' serq ta' oġġett u riċettazzjoni ta' oġġett ieħor, iżda dan ma japplikax għal-dan hawn dibattut;**
>
> **Illi kif ser jingħad, ir-raġuni mogħtija mill-Qorti fis-sentenzi hawn riportati, huwa li meta jkun hemm liberatorja dwar imputazzjoni alternattiva, l-Qorti tal-Appell ma tkunx tista' ssib ħtija f'dik l-imputazzjoni fil-każ meta l-imputazzjoni primarja ma tkunx tirriżulta;**

Fl-ewwel lok, traċċjati dawn is-sentenzi insibu fosthom dik fl-ismijiet Il-Pulizija vs Carmel Muscat – App Krim 17.10.1977 fejn kien ritenut illi "L'alternattivita m'hemmx għalfejn tiġi espressament imsemmija fiċ-ċitazzjoni. Il-każ klassiku hu ta' l-imputazzjonijiet (jew akkużi) ta' serq ta' oġġett u ta' riċettazzjoni ta' l-istess oġġett, imputazzjonijiet li bilfors iridu jinqraw jew jifthemu bhala alternattivi". Fis-sentenza Il-Pulizija vs Carmelo Ciantar App Krim deċiża 18.9.1996 l-appellant kien inizzjalment imputat fir-reat ta' ħsara volontarja u dak ta' ragion fattasi u l-ewwel Qorti sabet ħtija fuq l-ewwel u lliberatu mit-tieni. Fuq appell tal-imputat, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriżultalha illi l-ewwel Qorti ma setgħetx, fuq dawk il-fatti, ssib ħtija dwar ir-reat ta' ħsara volontarja u rrimarkat hekk: "Sfortunatament l-ewwel qorti, meta sabet lill-appellant, allura imputat, ħati tal-ewwel imputazzjoni, flok ma astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni – kif kellha tagħmel ġaladarba l-imputazzjonijiet kienu evidentement alternattivi – illiberat mit-tieni imputazzjoni, cioe minn dik ta' "ragion fattasi". Dan ifisser li, fl-assenza ta' appell tal-prosekuzzjoni (u salv dejjem l-Artikolu 413(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali) din il-Qorti ma tistax issa issib lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni"; L-istess raġjonament kien espress fis-sentenza Il-Pulizija vs Mary Vella – App Krim 1.2.2002 fejn intqal hekk: "Għal kull buon fini din il-Qorti sejra ttenni dak li diga nghad f'diversi sentenzi u ċioe li meta l-imputazzjonijiet jew akkużi jkunu alternattivi, qorti ta' prim'istanza li ssib ħtija dwar imputazzjoni jew akkuża minnhom għandha mhux tillibera mill-imputazzjoni jew akkuża alternattiva iżda tastjeni milli tieħu konjizzjoni aktar tagħha u dan sabiex b'hekk qorti ta' appell ma tiġix prekluża milli tiddeċiedi bil-kontra (fir-rigward ta' dawk l-imputazzjonijiet jew akkużi alternattivi) fl-assenza ta' appell minn naħa tal-prosekuzzjoni – ara f'dan is-sens Il-Pulizija vs Carmelo Ciantar App Krim 18/9/1996, Il-Pulizija vs Carmel Debono App Krim 1/11/1996 u Il-Pulizija vs Paul Abdilla u Alfred Oliva App Krim 20/11/2000". Fis-sentenza Il-Pulizija vs Mahmud Abudumehdin Tarek – App Krim 26.7.2002, għalkemm f'materja ftit diversa, l-Qorti rriteniet illi "Dak li ma kienitx ġustifikata tagħmel dik il-qorti kien li "tillibera" lill-imputat mit-tielet imputazzjoni. Trattandosi ta' imputazzjoni ta' kommissjoni ta' reat (li jġorr piena ta' priġunerija) fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, fin-nuqqas ta' prova tal-identità (jew anke kieku ma saritx il-prova tas-sentenza) Qorti ta' Ġustizzja Kriminali għandha mhux tillibera iżda sempliċiment tastjeni milli tieħu konjizzjoni aktar ta' dik l-imputazzjoni, bħalma jsir fil-każ ta' imputazzjonijiet jew akkużi alternattivi. B'hekk jitħalla l-kamp liberu għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28D tal-Kodiċi Kriminali". Ssir referenza ukoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-12 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Emanuel Vella (kwistjoni ta' nullita tas-sentenza meta l-Qorti tonqos milli tippronunzja ruħha fuq waħda mill-imputazzjonijiet) ; dik tal-1 ta' Diċembru 2008 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Diego Grixti et kif ukoll Il-Pulizija vs D Caruana App Krim 1.11.1996;

**Din il-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex għandu jkun hemm xi ripensament dwar din il-posizzjoni u dan anke wara li ħasbet fit-tul mill-ottika tal-aspett ta' drittijiet fondamentali b'mod partikolari tal-potenzjali eċċezzjoni ta' ne bis in idem. In rigward issir referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-12 ta' Lulju 2011 fl-ismijiet Luke Farrugia vs L-Avukat Ġenerali fejn kienet trattata id-distinzjoni li tinholoq bejn deċiżżjoni liberatorja dwar imputazzjoni li tkun għaddiet in gudikat u s-setgħa tal-qorti jew tal-ġurati li jsibu ħtija fuq akkuża (alternattiva) ta' misappropriazzjoni u riċetazzjoni meta ma tinsabx ħtija fuq l-akkuża ta' serq ex artikolu 476(2) tal-Kodiċi Kriminali. Dik il-Qorti sabet li kien hemm leżjoni tad-drittijiet fondamentali fl-ewwel ipoteżi iżda ma jkun hemm ebda ksur ta' dritt fl-applikazzjoni tal-artikolu 476(2) tal-Kapitolu 9.[10]"**

Illi huwa għalhekk ċar mid-diċitura tal-liġi u tal-ġurisprudenza in materja illi ġaladarba l-Ewwel Qorti korrettement astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni, billi l-appell intentat jolqot il-mertu, din il-Qorti issa fi stadju ta' reviżjoni, tista' titratta mal-ħati dwar dan ir-reat u tiddetermina jekk mill-provi prodotti tirriżultax ippruvata l-akkuża tal-attentat vjolenti għall-pudur.

Illi jrid jibda biex jingħad illi r-reat tal-attentat vjolenti fuq il-pudur ukoll intmess mil-leġislatur b'dan illi l-artikolu 207 tal-Kodiċi Kriminali fiż-żmien mertu tal-każ kien jaqra kif ġej:

**"Kull min jinsab ħati ta' attentat vjolent għall-pudur li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa sena:**

Bl-artikolu 201 tal-Kodiċi Kriminali iqies dawk ċ-ċirkostanzi fejn l-element ta-l-vjolenza huwa preżunt li jissussisti. Dan l-element tal-vjolenza illum ġie eradikat mill-artikolu 207 permezz tal-emendi li daħħlu fis-seħħ bl-Att XIII tal-2018, sabiex illum jissussisti r-reat kull meta l-att vjolattiv isir '**mingħajr il-kunsens'** tal-vittma. Fil-fehma ta' din il-Qorti, madanakollu, fid-dawl tal-interpretazzjoni mogħtija mill-ġurisprudenza tul is-snin dan l-element tal-vjolenza, li kien jitkellem dwaru l-artikolu 207 qabel l-introduzzjoni tal-emendi, kien dejjem ġie interpretat li jissussisti kull meta l-att inkriminatorju jsir mill-awtur tar-reat mingħajr il-kunsens tal-vittma.

[10] Pulizija vs Raymond Debono deċiża nhar it-28 ta' Novembru 2016 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ippreseduta mill-Imħallef Giovanni Grixti.

Illi din il-Qorti kif ippresjeduta kellha okkażjoni tagħti interpretazzjoni ta' din il-bidla li seħħet fil-liġi fis-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs Oglive Grima[11]:

> **"…. permezz tal-emendi introdotti bl-Att XIII tal-2018 dan l-element ġie eradikat biex b'hekk issa l-att materjali tar-reat twessa' u dan meta illum jitqies ħati kull minn jikkometti att ta' natura sesswali mingħajr il-kunsens tal-vittma, bil-liġi ma toffri ebda definizzjoni ta' dak li għandu jikkostitwixxi l-att materjali.**
>
> **...Illi llum l-leġislatur ħaseb sabiex darba għal dejjem jekwipara dan l-element tal-vjolenza ma' dak tan-nuqqas tal-kunsens similment għal pożizzjoni legali fil-liġi brittanika fejn kull att sesswali jew tentattiv ta' att ta' natura sesswali mingħajr il-kunsens tal-vittma jammonta għal reita'. Jingħad madanakollu illi l-ġurisprudenza, mal-medda taż-żmien, xorta waħda rabtet dan l-element tal-vjolenza ma' dak fejn jonqos il-kunsens tal-vittma.**
>
> **"L-attentat vjolent għal pudur, jew oltraġġ vjolent għall-pudur, hu kostitwit minn dawk l-attijiet impudiċi kollha li jiġu kommessi fuq persuna oħra kontra l-volontà tagħha li ma jammontawx għal wieħed mid-delitti, ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel dak numru 222 tal-Kodiċi Kriminali. Hu diffiċli tirraviza l-figura ta' tentattiv ta' dan ir-reat; għax jekk l-attijiet impudiċi għandhom ġa bidu, l-attentat jispiċċa u dawk l-attijiet jirrappreżentaw vjolazzjoni ġa kompleta tad-dritt attakkat, mingħajr ma hemm bżonn li wieħed jara jekk il-ħati rraġġunġiex jew le l-iskop impudiku tiegħu; mentri jekk l-atti impudiċi ma jkollhomx bidu, allura jitqiesu biss bhala atti preparatorji, u l-attentat jisparixxi.[12]"**
>
> **Illi l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Vjolenza fir-rigward tan-Nisa u l-Vjolenza Domestika jagħti is-segwenti definizzjoni ta' dak li għandu jikkostitwixxi vjolenza kontra n-nisa:**
> ***"violence against women" is understood as a violation of human rights and a form of discrimination against women and shall mean all acts of gender-based violence that result in, or are likely to result in, physical, sexual, psychological or economic harm or suffering to women, including threats of such acts, coercion or arbitrary deprivation of liberty, whether occurring in public or in private life."***

---

[11] Deċiża minn din il-Qorti tal-Appell kif ippreseduta nhar it-30 ta' Settembru 2020.

[12] 7Pulizija vs Gerald Cassar deċiża nhar it-18 ta' Lulju 1959 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) u ppresduta mill-Imħallef Joseph Flores

> **Illi din id-definizzjoni tħaddan fiha kull forma ta' vjolenza sew morali sew fiżika, sesswali u psikoloġika jew kull forma ta' ħsara magħmula kontra persuna tas-sess femminili li tinkludi anke it-theddida għall-istess.**
>
> **...Ġie deċiż illi anke l-att kważi fuġġesk tal-awtur tar-reat mhux magħmul b'intenzjoni libidinuża u wkoll nieqes mill-potenzjalita` korruttriċi iżda sufficjenti biex jiġi oltraġġat il-pudur tal-minorenni (jew almenu ta' uħud minnhom), kien biżżejjed sabiex jivverifika ruħu r-reat maħsub fl-artikolu 207 tal-Kodiċi Kriminali bhala aġir li għandu jitqies li jikkostitwixxi attentat vjolenti għall-pudur[13].**

Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet legali u ġurisprudenzjali, allura huwa indubitat illi l-atti impudiċi kommessi mill-appellant fuq il-vittma tiegħu jaqgħu sewwasew fl-elementi meħtieġa sabiex jissusssisti dan ir-reat, li essenzjalment baqa' wieħed uniku kemm qabel kif ukoll wara l-emendi introdotti. L-appellant iżda f'dan il-każ mhux biss jikkometti att ta' natura sesswali mingħajr il-kunsens tal-vittma u dan meta saħansitra imiss il-partijiet privati tagħha u anke jikkometti atti libidinużi meta jmiss u jbus sider il-parti offiża, iżda ukoll meta jagħmel dan bi vjolenza mhux biss billi kif ingħad iżommha kontra l-volontà tagħha meta tiġbidha minn idejha u irossha mal-ħajt, iżda ukoll meta jaħtafha minn għonqha u jispiċċa billi jagħtiha daqqa ta' ħarta fuq wiċċha. Illi l-Qorti għalhekk ser issib ħtija għal dan ir-reat billi jirriżulta ppruvat sal-grad rikjest skond il-liġi.

Illi għal dak li jirrigwarda r-rimanenti mputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant ta' natura kontravvenzjonali kif maħsuba taħt l-artikoli 339(1)(d), 338(cc) tal-Kodiċi Kriminali u li dwarhom ġie misjub ħati, dawn ukoll jirriżultaw ippruvati u għalhekk ma hemm ebda motiv li jista' iġiegħlha tiskossa id-deċiżjoni ta'l-Ewwel Qorti fir-rigward.

**Ikkunsidrat:**

Illi jifdal l-aħħar aggravju imqanqal mill-appellant marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti li fil-fehma tiegħu hija waħda eċċessiva u ma tieħux qies tal-aspett reformattiv tal-ħati.

---

[13] Il-Pulizija vs Omissis – App.Inf. 164/2012 deciza 22/03/2017

Illi l-appellant jilmenta ukoll illi l-Ewwel Qorti erronjament applikat id-dispożizzjonijiet ta'l-artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali fil-konfront tiegħu u dan peress illi din l-Ordni tista' tinħareġ biss mill-qorti *pendenti lite*. Illi l-Qorti tistqarr minnufih illi l-appellant għandu raġun f'dan l-ilment minnu miġjub 'il quddiem. Madankollu l-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, li jagħmel referenza għall-artikolu 412C(3) jagħti s-setgħa lil Qorti toħroġ Ordni ta' Trażżin flimkien ma' kwalunkwe piena li tkun imposta fuq il-ħati.[14]

Illi fir-rigward tal-*quantum* tal-piena, din għandha tiġi aġġustata biex tirrifletti dak hawn fuq deċiż. Madanakollu l-Qorti ser tinfliġġi piena karċerarja effettiva billi jidher mill-fedina penali tal-appellant illi huwa diġà ġie misjub ħati ta' reat simili, bl-appellant ma ressaq l-ebda raġunijiet validi li jiġġustifikaw illi l-kwalità tal-piena mposta fuqu għandha tiġi varjata.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell *in parte*, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata. Tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant Najm Fahd ħati tat-tieni, tar-raba' u tal-ħames imputazzjonijiet u fejn illiberatu mis-sitt imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, iżda tirrevokaha fejn huwa ġie misjub ħati ta'l-ewwel imputazzjoni u fejn l-Ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni u tgħaddi għalhekk biex wara li rat l-artikolu 207 tal-Kodiċi Kriminali issib lill-appellant ħati tat-tielet imputazzjoni u tilliberah mill-ewwel imputazzjoni. Tvarja għalhekk il-piena inflitta u tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija.

Finalment filwaqt li l-Qorti tikkonferma l-applikazzjoni magħmula mill-Ewwel Qorti tal-Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta u l-kundanna għal-ħlas tal-ispejjeż peritali fit-termini ta'l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali fil-konfront tal-appellant, tirrevoka l-Ordni ta' Protezzjoni maħruġa *ai termini* ta'l-artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali, iżda

[14] 382A. (1) Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tagħha taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikoli li ġejjin ta' dan is-Sub-titolu, meta l-qorti tqis li jkun espedjenti li hekk tagħmel għal xi raġuni msemmija fl-artikolu 412Ċ(1), il-qorti tista', meta tagħti sentenza kontra l-akkużat, flimkien ma' kull piena li tista' tagħti lill-ħati, tagħmel ordni (hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ordni ta' trażżin") li tista' tagħti effett għal kull ma hemm fis-subartikolu (3) tal-artikolu 412Ċ imsemmi.

tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin skond l-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali għall-perijodu ta' sentejn mil-lum fil-konfront tal-vittma Omissis u l-familjari tagħha.

Edwina Grima

Imhallef